**Qorti Civili Sezzjoni Familja**

**Onor. Imhallef Noel Cuschieri LL.D., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum 1 ta' Frar 2016**

Citazzjoni Nru. 459 / 00NC

Kawza fil-lista: 3

**S R**
**vs**
**T R**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur, ippremetta: li minn dan iz-zwieg twieled tifel; li l-hajja konjugali bejn il-partijiet tkissret irremedjabilment minhabba adulterju, sevizzi, eccessi, theddid u ingurji gravi da parti tal-konvenuta; li l-attur ottjena l-awtorizzazzjoni skond il-ligi sabiex iressaq l-istanza odjerna; ghalhekk l-attur qed jitlob li din il-Qorti: [1] tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet tort unikament tal-konvenuta; [2] tiddikjara li l-konvenuta ddekadiet mid-dritt ta' manteniment ai termini ta' l-artikolu 48(1)(d) tal-Kodici Civili; [3] tafda l-kura u kustodja tal-minuri lill-attur jew alternattivament takkordalu access adegwat ghall-istess minuri; [4] ixxolji, tillikwida il-komunjoni ta' l-akkwisti, okkorrendo b'opera ta' perit nominandi u taqsam u tassenja lil kull wiehed u wahda mill-partijiet bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 48(1)(c) tal-Kodici Civili, dan b'konsiderazzjoni ghal-flus parafernali li l-attur investa fl-istess komunjoni; [6] tapplika kontra l-konvenuta l-provvedimenti skond l-artiklu 48(1)(a) tal-Kodici Civili; bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju u tal-mandat ta' inibizzjoni li gie pprezentat kontestwalment kontra l-konvenuta;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet li biha l-konvenuta, in sostanza, eccepiet: li t-tort tat-tkisser taz-zwieg jirrisjedi esklussivament fuq l-attur; li huwa fl-interess tal-minuri li

l-kura u l-kustodja tigi fdata fidejha bi dritt t'access favur il-missier; li l-ghamara li kellhom il-partijiet hija propjeta` tal-genituri tal-konvenuta; li l-fond fil-Hamrun huwa propjeta` tal-kommunjoni ta' l-akkwisti izda mixtri bi flus mislufa mill-genuturi tal-konvenuta ghall-ammont ta' LM5,000 filwaqt li l-bilanc qed jithallas mill-istess genituri tal-konvenuta permezz ta' pagamenti mensili u li qed jigu surrogati fid-drittijiet ipotekarji, inoltre il-post twaqqa' u rega' inbena a spejjez ta' missier il-konvenuta bi spiza ta' madwar Lm25,000; li l-genituri tal-konvenuta huma kredituri tal-partijiet ghas-somma ta' madwar Lm15,000 f'xiri ta' vetturi u ghal xiri ta' stock; li hemm dejn tan-negozju mad-Dipartiment tal-VAT, mal-Korporazzjoni Enemalta, l-awditur u krediti varji ohra u li ghalhekk m'hemm ebda attiv fil-kommunjoni ta' l-akkwisti.

Rat ir-rapport tal-Perit legali l-Avukat Dottor Stefano Filletti;[1]

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati, il-listi tax-xhieda, u l-affidavits;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet maghmula mill-partijiet;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni finali tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, stante li z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment tort tal-konvenuta fit-termini tal-artikoli 38 u 40 tal-Kodici Civili; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

Minn naha taghha l-konvenutaa tattribwixxi t-tort tal-firda esklussivament lill-attur u tghid li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment minhabba ragunijiet imputabbli lilu.

**Separazzjoni Personali**
Il-partijiet izzewgu fl-24 ta' Lulju 1993, u minn dan iz-zwieg twieled it-tifel, Samwel f'Marzu 1996 u li illum maggjorenni.

*Verzjoni Attur*
L-attur jghid li huwa kien jahdem ma' missieru izda l-konvenuta gieghlitu jidhol jahdem maghha minkejja li hu ma riedx; ukoll huwa kellu ishma fil-kumpanija ta'

---
[1] Vol.2 – fols.664 et seq.

missieru li kienu jizdiedu minn sena ghall-ohra. Jghid li ma' missier il-konvenuta ma kienx jircievi salarju u beda jahdem hemm minn Jannar 1993 u ghalhekk qabel iz-zwieg. Hu jghid li kien ghamel xi xoghol ta' madum u brix tal-hajt sabiex jirranga l-hanut. Xahar qabel iz-zwieg huma fethu l-hanut fejn il-qliegh tieghu kienet izzommu l-konvenuta.

L-attur jghid li huwa kellu madwar Lm3,000 li marru fi *stock*, barra l-flus li sselfu mill-bank u li missier il-konvenuta kien jghinha fil-flus. Il-hanut kien jitmexxa miz-zewg partijiet; hu kien jiehu hsieb l-affarjiet ta' gol-hanut mentri l-konvenuta kienet tiehu hsieb il-finanzi. L-ordinijiet kienet tiehu hsiebhom il-konvenuta u missierha u it-tnejn kienu jbieghu mill-hanut u jaghmlu *deliveries*. L-attur ikompli jispjega li martu kienet taghtih Lm50 fil-gimgha u l-kumplament izzommu ghaliha tant li lanqas kien jaf kemm kien jifdal f'idejn il-konvenuta. L-attur jghid li l-kontijiet, bhal per ezempju tad-dawl u l-ilma kienet thallashom il-konvenuta.

L-attur jghid li, wara madwar sena u nofs mit-twelid tat-tifel, ir-ragel t'oht il-konvenuta kien qal lill-attur li meta ma kienx ikun hemm hu fil-hanut kien jigi ragel. L-attur kien jinnota wkoll li martu fuq it-telefon kienet iddum tidhak. Jghid li l-konvenuta kienet tmur Paceville, filwaqt li hu kien joqghod id-dar mat-tifel; darba dahlet anke fl-4 ta' filghodu wara li qaltlu li kienet sejra *ladies night*. Jgthid li eventwalment il-konvenuta kienet bdiet tohrog ta' spiss minghajr ma tghidlu fejn sejra, kienet sempliciment tghgidlu li ser ddur dawra. L-attur jghid li hu prova minghajr success jifqilha mill-hrug izda hi xorta baqghet tohrog u thallih wahdu d-dar. Kienet tohrog ta' spiss u dejjem izzid sa ma bdiet tohorog kuljum barra t-Tnejn. Kien hemm ukoll ragel iehor fil-hajja tal-konvenuta. Il-faccendi tad-dar, kien jispicca jghamilhom hu wkoll, kien inaddaf, jahsel il-hwejjeg u jsajjar. Skond l-attur, il-konvenuta baqghet tohrog sakemm il-partijiet infirdu f' Jannar tas-sena 1999.

Waqt il-perijodu meta l-konvenuta kienet tohrog, hi ma kienetx torqod hdejh kuljum, aktar kienet torqod jew fuq is-sufan jew fuq it-tapit u anke r-relazzjonijiet intimi ta' bejniethom bdew imorru lura sakemm il-konvenuta waqfithom.

L-attur jghid li f'Jannar 1999 il-konvenuta tefghatu `l barra bit-tifel b'kollox; dan, wara li waqt li kienu qeghdin jieklu ghand missierha qaltlu "*jekk nerga' ninqabad tqila minn ghandek innehhi kollox*"[2]. Il-konvenuta kienet biddlet ic-cavetta ta' fejn kienu jorqdu u wara qaltlu biex ma jidholx aktar id-dar

Huwa jghid li meta martu keccietu mid-dar, flimkien mat-tifel, kien mar jorqod ghand missierha sakemm eventwalment telaq minn hemm. F'dan il-perijodu kien ipprova inutilment jirranga s-sitwazzjoni matrimonjali izda l-konveuta kienet tghidlu li hu kien jonfoq il-flus u ma kienx jaghti kaz tax-xoghol. L-attur cahad dawn l-

[2] Vol.1, fol. 43.

allegazzjonijiet. It-tarbija f'dawn ix-xhur, skond l-attur, baqghet mieghu u l-konvenuta kienet tigi tara t-tifel okkazjonalment. Darba ghamlet tlett gimghat tarah ghall-saghtejn tlett darbiet fil-gimgha u titlaq. L-attur jispjega li wara kien hemm zmien li kienu jzommu lit-tifel gurnata b'gurnata bejnu u bejn martu. Wara xi zmien l-attur mar ghand missieru peress li kellu xi jghid ma missier il-konvenuta.

Sadanittant, il-konvenuta kienet tohrog u kienu jarawha d-discos. Hu sar jaf ukoll li kienet qed tohrog ma' certu Marco Parnis. L-attur jghid li hu kien iltaqa' ma' Mario Parnis peress li dan xtaq jiskuza ruhhu mieghu u dan qallu hafna affarjiet bhal, per ezempju li l-konvenuta ma kienitx qaltlu li mizzewga, li meta kienu jiggieldu kienet tmur ma ohrajn, li kienet iggor il-*condoms* maghha u li kienet tmur ma' l-Gharab. F'April 2000 il-konvenuta u Marco Parnis kellhom tarbija u l-attur fetah proceduri gudizzjarji biex jigi korreggut ic-certifikat tat-twelid tat-tifla li kellhom il-konvenuta u s-sieheb taghha.

*Verzjoni Konvenuta*

Illi l-konvenuta tghid li z-zwieg beda jmur hazin mill-bidu u li l-partijiet baqghu flimkien bit-tama li dan imur ghall-ahjar sakemm fl-ewwel gimgha tas-sena 1999 il-partijiet isseparaw *de facto* wara li skopriet li l-attur kellu s-*syphillis* u, peress li meta marret ghand it-tabib ma rrizultax li hija kienet infettata; ghalhekk waslet ghall-konkluzzjoni li l-attur kien ikkommetta adulterju. Hija tkompli tghid li l-problemi fiz-zwieg, kienu mhux biss kagun tal-adulterju ta' l-attur, izda wkoll kagun tal-gideb tieghu dwar il-finanzi. Hi tilmenta wkoll mill-aspetti karatterjali tieghu, ta' nuqqas ta' dixxiplina da parti tieghu u li kien jaghmel li jrid minghajr kunsiderazzjoni ghall-familja.

Il-konvenuta tghid, li qabel iz-zwieg hija kienet tahdem fil-hanut ta' missierha filwaqt li l-attur kien jahdem fil-kumpanija ta' missieru. Izda peress li kellu xi problemi ma' missieru hu xtaq li jmur jahdem fil-hanut maghha; fil-fatt hekk gara wara z-zwieg. Il-konvenuta tkompli tispjega li zewgha kien dejjem jonfoq iktar milli kellu rizultat ta' nuqqas ta' awto-dixxipplina u ghalhekk huma kienu johorgu flus aktar milli jdahhlu. Fil-hanut kien hemm perijodu ta' zmien meta hi ma kienetx tmur minhabba li kienet tqila bit-tifel u li f'dan iz-zmien l-attur iggestixxa n-negozju veru hazin tant, li kien biegh oggetti hafna orhos mill-prezz taghhom u spiccaw b'dejn ta' circa Lm10,000. Il-konvenuta tghid li zewgha jinnega li kien jiehu l-flus mill-*cash* u li l-van li kienu xtraw ghan-negozju gie sekwestrat mill-Qorti peress li ma setghux ikomplu jhallsu l-kambjali ffirmati mill-attur.

Il-konvenuta tkompli tispjega l-problemi finanzjari li kellhom il-partijiet kien rizultat ta' djun kagunat mill-attitudni u l-imgieba ta' l-attur li "*mdorri li minn sebgha jiehu l-id*"[3] Tghid li l-attur kien approfitta ruhhu mill-ghajnuna ta' missierha. Dawn il-

[3] Vol. 4, fol. 1186.

problemi finanzjarji mahluqa, skond il-konvenuta, mill-imgieba tal-attur waslu sal-punt li fis-sena 1998 kellhom ibieghu d-dar ta' Sta. Venera peress li l-bank kien beda jaghmel pressjoni fuqhom u ghalhekk kellhom ibieghu l-propjeta` ghall-prezz anqas minn dak li riedu. Hija zzied tghid li kien biss wara li missierha biegh appartament u ghenhom fil-flus li l-kredituri kollha thallsu u ma kellhomx aktar dejn.

F'Jannar 1999 l-partijiet isseparaw wara li hija qabditu fl-adulterju u ma felhitx aktar tghix fil-giddeb u ma persuna li ma kellux aktar rispett lejha u li kien ghatxan ghall-flus tal-familja taghha. Tghid li missierha kien ghenhom anke fit-tieni dar jigifieri dik tal-Hamrun filwaqt li missier l-attur qatt ma ghinhom "

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

Mill-provi jirrizulta manifest li z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser irrevokabbilment u dan tort tar-relazzjonijiet adulteruzi da parti tal-konvenuta tant li fis-19 ta' April 2000 kellha tarbija mill-imsemmi Marco Parnis u fis-19 ta' Jannar 2007 kellha tarbija ohra minn ragel iehor.

Il-konvenuta tipprova tiggustifika l-komportament taghha matul il-konvivenza matrimonjali billi tallega li ma felhitx aktar tghix mal-attur. Il-konvenuta tghid li kien ghalhekk li hi qaflitu barra mid-dar matrimonjali u ma riditx taf bih izjed, tant li eventwalment dahlet fl-ewwel relazzjoni adulteruza taghha.

Din il-Qorti tosserva li *dato non concesso* li l-karattru tal-attur huwa wiehed diffikultuz u li l-komportament tieghu kien abusiv fil-konfront taghha, dan ma kienx jiggustifikax il-komportament taghha li lejn l-ahhar tal-konvivenza hi bdiet taghtiha ghall-hrug u tmur Paceville u tixxala u tidhol fis-sieghat bikrin ta' filghodu, filwaqt li l-attur kien ikun id-dar jiehu hsieb it-tifel komuni tal-partijiet. U bhallikieku dan ma kienx ingurjuz bizzejjed f' April tas-sena 2000 hija weldet tarbija mis-sieheb taghha ta' dak iz-zmien; wkoll, bhallikieku dan ma kienx ingurjuz bizzejjed f' Jannar 2007 hija weldet tarbija ohra minn ragel iehor ! Il-konvenuta donna ma tafx li anke jekk separata hija baqghet marbuta bl-obbligu tal-fedelta' lejn zewgha, l-attur.

Rigward l-allegazzjonijiet maghmula minnha fil-konfront ta' zewgha partikolarment dik li matul il-konvivenza matrimonjali skopriet li l-attur kellu marda trasemessa sesswalment u li, skond hi, ghalhekk bilfors li l-attur kien ikkommetta adulterju, din il-Qorti tosserva li dawn baqghu biss allegazzjonijiet u ma tressqet ebda prova da parti taghha biex issostni dak allegat minnha u dan, apparti mill-fatt li l-attur innega kategorikament li kellu mard bhal dak allegat minn martu u wkoll li hu kien qatt ikkommetta adulterju. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti dawn l-allegazzjonijiet, privi minn kull xintilla ta' prova, huma tentattiv fjakk da parti taghha sabiex tipprova tiggustifika l-ingustifikabbli u cioe' li matul il-konvivenza matrimonjali hi kienet dahlet f' relazzjoni extra matrimonjali mill-liema relazzjoni hija eventwalment kellha

tarbija u fit-terminazzjuoni ta’ din ir-relazzjoni extra-matrimonjali hija dahlet f’ relazzjoni adulteruza ohra ma’ ragel iehor, li minnha l-konvenuta kellha wild iehor.

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet premessi il-Qorti hi tal-fehma li, filwaqt li l-konvenuta ma gabitx provi validi li jattribwixxu xi htija lill-attur ghas-separazzjoni, minn naha tal-konvenuta jirrizulta manifest li din ikkommettiet adulterju a tenur tal-artikolu 38 tal-Kodici Civili kif ukoll ingurja gravia tenur tal-artikolu 40 tal-istess kodici fil-konfront ta’ zewgha bl-allegazzjonijiet ta’ adulterju maghmula minnha meta din ma ressqet ebda prova in sostenn taghhom. Dan il-komportament abbusiv taghha jattira fil-konfront taghha is-sanzjonijiet kontemplati fl-artikolu 48[1] tal-Kodici Civili, fl-intier taghhom u dan mill-31 ta’ Dicembru 1998

**Kura u Kustodja**
It-tifel tal-partijietillum huwa maggiorenni u ghalhekk dina t-talba giet ezawrita.

**Manteniment**
Stante li llum il-wild tal-partiujiet lahaq l-eta` maggiorenni u wkoll, stante li ma jirrizultax li it-tifel ghadu jistudja b’mod *full time*, ma hemm ebda manteniment x’ jigi versat fir-rigward tieghu.

Rigward il-manteniment tal-konvenuta jigi ribadit li din ma tista’ titlob ebda manteniment ghaliha minghand l-attur peress li, kif fuq spjegat, hi ddekadiet minn dan id dritt.

**<u>Komunjoni ta’ l-Akkwisti</u>**
Illi l-Qorti qieghda taghmel refenza ghar-rapport tal-Perit Legali Dr. Stefano Filletti [Vol. 2. fols. 769 sa 777] fejn taqbel ma’ dan ir-rapport, salv ghal dak li ser jinghad aktar ‘l isfel

<u>Likwidazzjoni</u>
*Dwar **l-attiv** tal-komunjoni tal-Akkwisti*
Mill provi jirrizulta li hemm is-segwenti assi:

[1] Il-fond numru sebgha <u>(7) f’Triq Censu Borg, Hamrun</u> li kien gie akkwistat mill-konjugi Rfil-15 ta’ Settembru 1998 fl-atti tan-Nutar Francis Micallef, li skont l-istima inkontestata mahruga minn Remax Park Estates, fid-dokument immarkata bhala Dok RX1, ghandu valur ta’ bejn mija hamsa u hamsin elf ewro (€155,000) u mija u sittin elf ewor (€160,000).[4]

[4] Il-kontestazzjoni tal-konvenuta ghall-prezz hawn fuq imsemmi stante li l-konvenuta tghid li hemm spejjez li saru minn missierha mhiex relevanti u dan peress li jekk hemm xi spejjez jew pretenzjonijiet da parti ta’ terzi, ghandhom jigi istitwiti l-proceduri appoziti hekk kif del resto diga` ghamlu l-genituri tal-konvenuta f’kawza separata.

[2] Il-polza tal-MSV Life numru 23339 b'valur ta' circa €3,246 li ghandha tinhall u l-valur taghha jigi kif jigi stabbilit fil-mument tat-thollija;

[3] Hlas potenzali mill-kumpannija assikuratrici Gasan RInsurance lill-konjugi Rfir-rigward tal-karozza Hyundai Lantra, liema karozza giei takkwistata mill-partijiet matul iz-zwieg, fil-valur ta' circa €3727.

[5] Ma inghatax lista ta' assi mobbli li setgha kellhom il-konjugi bejnithom"[5].

[6] L-ishma tal-Kumpanija D& D RLimited skond il-valur taghhom fid-data tal-31 ta' Dicembru 1998 li hija d-data li din il-Qorti bhala il-"cut off date" ghall-finijiet tal-komputazzjoni tal-valur ta' l-ishma.

[7] Kreditu ta' kull parti fl-ammont ta' LM16,410[6]

*Dwar **il-passiv** tal-komunjoni tal-akkwisti l-perit legali jghid:*

> "Illi isiru diversi allegazzjonijiet da parte tal-konvenuta fejn jinghad illi kien hemm diversi krediti mghoddija lil konjugi Rminghand il-genituri tal-konvenuta. Mandankollu jirrizulta illi l-kreditu vvantat da parte tal-genituri tal-konvenuta huwa kkristallizzat fil-kawza li huma fethu kontra l-istess konjugi fl-ismijiet Joseph u Jane konjugi Pisani vs S Ru Donatello R(Cit. Nru. 2402/00LSO)"[7].

Jkompli mbagha jirreferi ghal dak verballizat mill-genituri tal-konvenuta, il-konjugi Pizani fis-seduti tal-20 ta' Mejju 2013 u tad-29 ta' Mejju 2013, li matulhom il-konjugi Pisani iddikjaraw li huma ser jirkupraw u jezegwixxi b'mod separat u biss ghal nofs minn kull parti fid-dawl tas-sentenza sucitata. Ghalhekk il-Qorti taqbel mal-Perit Legali meta huwa jkompli jghid:

"Ghaldaqstant l-esponent l-esponent jaqbel mal-attur meta jghid illi l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ghandha xorta wahda tipproceddi filwaqt li ssir rizerva ghal dak li l-partijiet ikollhom jaghtu separatament lill-genituri tal-konvenuta wara li tinghata s-sentenza fil-kawza hawn citata.

Ghalhekk bhala passiv il-partijiet jaqblu illi llum fadal biss id-dejn li hemm mal-genituri tal-konvenuta li huwa soggett ghal kawza. Ghal dan il-ghan dan il-passiv ghandu jibqa' rizervat b'kull parti tkun responsabbli kif anke maqbul mal-genituri tal-konvenuta u li ghad irid jigi determinat b'sentenza finali".

[5] Vol. 2, fols 770 u 771.
[6] Infra
[7] Vol.2, fol 769 – rapport Perit Legali.

Issa, ghalkemm din il-Qorti taqbel li l-*quantum* ta' dan id-dejn tal-komunjoni vis-a-vis il-genituri tal-konvenuta bhala terzi, ghandu jigi defenit fil-proceduri fil-kawza fuq indikata, il-verbal maghmul mill-konjugi Pisani m' ghandux relevanza ghall-finijiet tal-kawza odjerna u dan peress li, irrispettivament kif iridu jipprocedu l-konjugi Pisani bl-esekuzzjoni tas-sentenza sabiex jirkupraw dan id-dejn, id-dejn huwa tal-komunjoni tal-akkwisti u ghalhekk ghall-finijiet ta' din il-kawza huwa dejn li ghandu jigu sopportat bejn il-partijiet fi kwoti wgwali.

*Dwar il-krediti parafernali pretizi mill-partijiet.*

F' dan ir-rigward il-Qorti taqbel mal-konsiderazzjonijiet maghmula mill-perit legali fejn jghid li:

> "Il-konvenuta ma tivvanta ebda kreditu partikolari ghajr id-dejn favur il-genituri taghha. Dan id-dejn favur pero` huwa kopert diga fit-taqsima "Passiv" aktar `il fuq f'dan ir-rapport."
>
> L-attur minn naha tieghu jippretendi r-rifuzzjoni ta' €13,976 bhala kreditu parafernali mill-bejgh ta' sehmu mill-kumpanija tal-familja tieghu MGS Limited. L-attur ipproduca dokument u kkonferma bil-gurament il-fatt illi sehmu fi hdan il-kumpanija tal-familja tieghu nbiegh ghall-prezz ta' LM6,000 u li dawn il-flejjes gew investiti b'xi mod jew iehor fil-komunjoni ta' l-akkwisti. Dwar dan il-punt il-konvenuta taccetta u tammetti illi l-attur kellu sehem fil-kumpannija MGS izda tiddikjara illi la taf b'kemm u lanqas lil minn biegh l-istess ishma. Dan jindika l-fatt illi effettivament il-konvenuta kienet taf ukoll illi dawn l-ishma gew mibjugha. Minkejja li ma taqbilx mal-valur tal-bejgh ma tikkontestax il-fatt illi kellu ishma li nbieghu izda talludi biss ghal fatt li bihom inxtrat il-Hyundai Lantra li tifforma parti mill-Komunjoni ta' l-Akkwisti (illum pero` l-valur tal-vettura gie ridott ghall-kumpens li tista taghti l-Kumpannija Assikuratrici Gasan Rplc, ara "Assi"). Inoltre, lanqas ma ressqet provi biex tikkondraxxi dak li jiddjara l-attur. Ghalhekk jirrizulta illi l-attur dahhal fil-komunjoni kreditu parafernali ta' €13,976.

L-attur jippretendi wkoll hlas ta' kreditu ta' €1451.27 mill-konvenuta spejjez gudizzjarji in konnessjoni mal-kawzi ta' denegata paternita u filjazzjoni."[8]

Is-socjeta` D&D RCompany Limited

L-aktar punt kontestat f'din il-kawz huwa dak li jirrigwardja l-kumpanija tal-konjugi Ru senjatament dak li sar fis-sena 1999 meta l-attur iffirma sabiex l-ishma tieghu fil-kumpanija jigu ttrasferiti lill-konvenuta.

[8] Vol. 2, fols 771 u 772.

Minn naha tieghu l-attur jghid li dan sar b'qerq u li dan in-negozju falla tort tal-konvenuta u missierha. Il-konvenuta minn naha taghha tirrigetta dina l-pozizzjoni u tghid li t-trasferiment li ghamel l-attur sar minn jeddu u inoltre kien hemm hafna djun tant li l-istock kellu jinbiegh bi prezz inqas.

Fir-rigward, il-Qorti tosserva li l-ezercizju li ghandu jsir ghall-finijiet tal-likwidazzjoni odjerna ma jinvolvix ir-rizoluzzjoni tal-kwistjoni dwar jekk it-trasferiment mill-attur sarx b' ingann jew kienx wiehed volontarju, ghax sar kif sar, xorta wahda l-ishma, anke jekk fuq isem il-konvenuta, baqghu tal-komunjoni tal-akkwisti. Ghalhekk il-punt li jrid jigi determinat huwa il-valur ta' dawn l-ishma fil-31 ta' Dicembru 1998 bhala *"cut off date"* stante li xi xhur wara l-attur minn jeddu irrezenja mill-kumpanija li allura bdiet titmexxa mill-konvenuta u missierha.

Fir-rigward, l-attur, filwaqt li jaghmel referenza ghal "financial statement" relattiv ghas-sena 1998, [9] isostni[10] li, filwaqt li minn dan id-dokument jidher li l-kumpanija f' dak iz-zmien kellha stock [attiv] fl-ammont ta' LM51,932, bhala <u>dejn</u> kien hemm is-segwenti: LM11,304 trade creditors; LM8,802 bank overdraft; LM462 current taxation; u LM385. Sa hawn il-Qorti taqbel mal-attur.

Dak li ma taqbilx mieghu huwa fejn jghid li x-Shareholders Current Account li f' dak iz-zmien kien fih LM32,819 m'huwiex relevanti ghall-finijiet tal-ezami odjern stante li dan "*huwa bazikament self tal-komunjoni lill-kumpanija"* Li dan hu self tal-kumpanija lill-komunjoni jirrizulta mill-provi. Di fatti fix-xhieda tieghu fir-rigward, Saviour Desira jghid *" ..... bhala awditur, li bhala principju dan qed ifisser illi dawk huma flus avvanzati mill-azzjonisti favur is-socjeta' u kwindi huma flejjes tal-azzjoni moghtija bi kreditu lis-socjeta'"*[11] La dan hu hekk allura dan ma jistax jigi skartat fil-komputazzjoni tal-attiv u l-passiv <u>tal-kumpanija</u>, ghax anke jekk ix-shareholders kienu l-partijiet, xorta wahda l-kumpanija, bhala persuna legali distinta minnhom, hija moghbbija b' dan id-dejn.

Ghalhekk dan l-ammont ghandu jigi komputat bhala dejn tal-kumpanija favur il-komunjoni tal-akkwisti, li jfisser li, filwaqt li skond il-prospett tas-sena 1998 id-dejn tal-kumpanija kien jissupera l-attiv taghha, mill-banda l-ohra l-partijiet ghandhom kreditu ta' LM32,819 u cioe' <u>kull wiehed ghandu jiehu minn ghand il-kumpanija s-somma LM16,410</u>

<u>L-Assenjazzjoni</u>
Il-Qorti tordna l-assi jigu assenjati bil-mod segwenti:

---
[9] Vol.5 fol.1546
[10] Vol.2 – fol.636 nota ta' sottomissjonijiet attur
[11] Vol.3 – Fol.937

[1] Il-fond numru sebgha (7) f'Triq Censu Borg, Hamrun jittpogga fuq is-suq hieles u jinbiegh fi zmien massimu ta' sentejn mill-llum ghall-prezz ta' mhux anqas minn €155,000 . Jekk kemm-il darba dan il-bejgh ma jsirx, dan ghandu jsir permezz ta' subbasta skond il-ligi. Mir-rikavat tal-bejgh l-attur ghandu jithallas: is-somma ta' €13,976 [kreditu parafernali tieghu] u s-somma ta' €1,451.27 [spejjez gudizzjarji relattivi ghal kawza ta' paternita', kemm il darba dawn ma thallsux diga' mill-konvenuta]. Il-bilanc tar-rikavat jinqasam f'zewg porzjonijiet ugwali bejn il-partijiet.

[2] Il-polza tal-MSV Life numru 23339 ghandha tigi mahlula u r-rikavat maqsum b'zewg porzjonijiet ugwali;

[3] Ir-rikavat tal-pagament eventwali mill-kumpannija assikuratrici Gasan RInsurance lill-konjugi Rfir-rigward tal-karozza Hyundai Lantra, ghandhu jigi maqsum bjen il-partijiiet fi kwoti wgwali;

[4] Ma nghatatx lista komplessiva ta' l-oggetti mobbli, kontijiet bankarji jew investimenti formanti parti mill-kommunjoni ta' l-akkwisti u ghalhekk din il-Qorti mhijiex fil-pozizzjoni li tillikwida u tassenja din il-parti tal-assi tal-komunjoni tal-akkwisti, izda bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 48(1)(c) kull oggett mobbli akkwistat qabel 31 Dicembru 1998 ghandu jigi mibjugh jew rez likwidu u r-rikavat jigi diviz ugwalment bejn il-partijiet. Kull oggett mobbli li nxtara wara din id-data mill-attur jew, mill-konvenuta bis-sahha ta' l-attur, kull kont jew investiment ta' l-attur wara din id-data ghandha tigi assenjata lilu u l-bqija jigu diviz ugwalment bejn il-partijiet.

[5] Kull parti ghandha tiehu minghand il-kumpanija D&D RLtd. Is-somma ta' LM16,410 [illum €38,235]

[6] Id-dejn favur il-genituri tal-konvenuta li huwa soggett ghal kawza ghandu jibqa' rizervat b'kull parti tkun responsabbli ghal nofs dan id-dejn li ghad irid jigi determinat b'sentenza finali"[12].

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

[1] tilqa' l-ewwel u t-tieni talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, htija esklussiva tal-konvenuta u dan b' effett mill-31 ta' Dicembru 1998

[2] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba stante l-fatt li t-tifel illum huwa maggorenni;

---

[12] Vol. 2 fols. 776 u 777 .

[3] tilqa' r-raba u l-hames talbiet u xxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti, tillikwidaha u tassenja fit-termini u kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata **'Komunjoni ta' l-Akkwisti' -** *Likwidazzjoni u Assenjazzjoni* u tapplika fil-konfront tal-konvenuta id-dispost fl-intier tieghu ta' l-artikolu 48 tal-Kodici Civili;

L-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**